SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

10 ta’ Novembru 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema pubblika ta’ kiri u ta’ użu kondiviż ta’ vetturi bil-mutur elettriċi – Distinzjoni tal-kunċetti ta’ “konċessjonijiet ta’ servizzi” u ta’ “kuntratti pubbliċi ta’ provvisti – Direttiva 2014/23/UE – Il-punt 5(b) tal-Artikolu 5 – Artikolu 20(4) – Kunċett ta’ “kuntratti mħallta” – Artikolu 8 – Determinazzjoni tal-valur ta’ konċessjoni ta’ servizzi – Kriterji – Artikolu 27 – Artikolu 38 – Direttiva 2014/24/UE – Il-punti 5 u 8 tal-Artikolu 2(1) – Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/1986 – Anness XXI – Possibbiltà li tiġi imposta kundizzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta’ attività professjonali speċifika taħt id-dritt nazzjonali – Impossibbiltà li din il-kundizzjoni tiġi imposta fuq il-membri kollha ta’ assoċjazzjoni temporanja ta’ impriżi – Regolament (KE) Nru 2195/2002 – Artikolu 1(1) – Obbligu ta’ riferiment esklużiv għall-“Vokabularju Komuni dwar l-Akkwisti” fid-dokumenti tal-konċessjoni – Regolament Nru 1893/2006 – Artikolu 1(2) – Impossibilità li jsir riferiment għan-“NACE Rev. 2” fid-dokumenti ta’ konċessjoni”

Fil-Kawża C-486/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mid-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali ta’ Reviżjoni ta’ Kontroll tal-Proċeduri tal-Għoti tal-Kuntratti Pubbliċi, is-Slovenja), permezz ta’ deċiżjoni tat-2 ta’ Awwissu 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta’ Awwissu 2021, fil-proċedura

**SHARENGO najem in zakup vozil d.o.o.**

vs

**Mestna Občina Ljubljana,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Piçarra, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Awla, N. Jääskinen u M. Gavalec (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: is-Sloven.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Mestna občina Ljubljana, minn. R. Kokalj, odvetnik,

– għall-Gvern Ċek, minn L. Halajová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn U. Babovič, M. Kocjan, A. Kraner, P. Ondrůšek u G. Wils, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt 1(b) tal-Artikolu 5, l-Artikolu 8(1) u (2), l-Artikolu 8(1) u (2) kif ukoll l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU 2014, L 94, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2015, L 114, p. 24 u fil-ĠU 2018, L 82, p. 17), kif emendata bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1827 tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU 2019, L 279, p. 23) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/23"), il-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2(1), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(b) u (c), l-Artikolu 18(1) kif ukoll l-Artikolu 58(1) u (2) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68), kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1828 tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU 2019, L 279, p. 25) (iktar 'il quddiem "id-Direttiva 2014/24"), ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti (CPV) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 5, p. 3), l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika (ĠU 2006, L 393, p. 1), kif ukoll l-Anness XXI għar-Regolament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 842/2011 (ĠU 2015, L 296, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 172, p. 36).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn SHARENGO najem in zakup vozil, d. o. o., Preserje (iktar 'il quddiem "Sharengo") u Mestna Občina Ljubljana (il-Komun Urban ta' Ljubljana, is-Slovenja) (iktar 'il quddiem il-"Komun ta' Ljubljana") dwar il-pubblikazzjoni minn din tal-aħħar ta' sejħa għal offerti intiża sabiex tagħżel konċessjonarju bil-għan li jiġi implementat proġett ta' ħolqien u ta' ġestjoni ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi fit-territorju ta' dan il-komun.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 2014/23*

3 Il-premessi 1, 4, 8, 18, 20 u 52 tad-Direttiva 2014/23 jipprevedu:

"1) In-nuqqas ta' regoli ċari fil-livell tal-Unjoni li jirregolaw l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jagħti lok għal inċertezza legali u għal ostakoli għall-forniment ħieles ta' servizzi u joħloq distorsjonijiet fil-funzjonament tas-suq intern. Bħala riżultat, l-operaturi ekonomiċi, partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), qed ikunu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom fi ħdan is-suq intern u jitilfu opportunitajiet importanti ta' negozju, filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu ma jsibux l-aħjar użu għall-flus pubbliċi sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw minn servizzi ta' kwalità bl-aħjar prezzijiet. Qafas legali adegwat, ibbilanċjat u flessibbli għall-għoti tal-konċessjonijiet jiżgura aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għas-suq għall-operaturi ekonomiċi kollha tal-Unjoni u ċertezza legali, u jiffavorixxi l-investimenti pubbliċi f'infrastrutturi u servizzi strateġiċi liċ-ċittadin. Tali qafas legali jkun jippermetti wkoll li jkun hemm ċertezza legali akbar għall-operaturi ekonomiċi u jista' jkun ta' bażi u mezz għal ftuħ akbar tas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku u għat-tisħiħ tal-kummerċ dinji. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-titjib tal-opportunitajiet ta' aċċess għall-SMEs fis-swieq tal-konċessjonijiet tal-Unjoni.

[...]

(4) L-għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi huwa preżentement suġġett għar-regoli bażiċi tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132)], filwaqt li l-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi b'interess transkonfinali huwa soġġett għall-prinċipji tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-prinċipji tal-moviment liberu tal-prodotti, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif ukoll mal-prinċipji li joħorġu minnhom bħat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza. Hemm riskju ta' inċertezza legali relatata ma' interpretazzjonijiet diverġenti tal-prinċipji tat-Trattat mil-leġislaturi nazzjonali u ta' differenzi kbar fost il-leġislazzjonijiet ta' diversi Stati Membri differenti. Dan ir-riskju ġie kkonfermat mill-każistika estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li wkoll, madankollu, indirizza parzjalment biss ċerti aspetti tal-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

[...]

(8) Għal konċessjonijiet ugwali għal jew ogħla minn ċertu valur, huwa adatt li tiġi prevista koordinazzjoni minima ta' proċeduri nazzjonali għall-għoti ta' kuntratti bħal dawn abbażi tal-prinċipji tat-TFUE sabiex jiġi ggarantit il-ftuħ ta' konċessjonijiet għall-kompetizzjoni u ċertezza legali adegwata. Dawk il-dispożizzjonijiet ta' koordinazzjoni m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi msemmija hawn fuq u biex jiġi

żgurat ċertu grad ta' flessibbiltà. L-Istati Membri għandhom ikun permessi jikkompletaw u jiżviluppaw aktar dawk id-dispożizzjonijiet jekk jidhrilhom li huwa adatt, b'mod partikolari biex tiġi żgurata aktar il-konformità mal-prinċipji stipulati hawn fuq.

[…]

(18) Id-diffikultajiet relatati mal-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' konċessjoni u kuntratt pubbliku ġġeneraw inċertezza legali kontinwa fost il-partijiet interessati u taw lok għal bosta sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, id-definizzjoni ta' konċessjoni għandha tiġi ċċarata, b'mod partikolari billi jkun hemm referenza għall-kunċett ta' riskju operattiv. Il-karatteristika prinċipali ta' konċessjoni, id-dritt li jiġu sfruttati x-xogħlijiet jew is-servizzi, dejjem timplika t-trasferiment lill-konċessjonarju ta' riskju operattiv ta' natura ekonomika li jinvolvi l-possibbiltà li ma jiġborx lura l-investimenti u l-ispejjeż li jkunu ġġarbu fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi mogħtija taħt kondizzjonijiet ta' operat nomali anke jekk parti mir-riskju jibqa' mal-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti. L-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi li jirregolaw l-għoti ta' konċessjonijiet ma tkunx ġustifikata jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti teżenta lill-operatur ekonomiku minn kwalunkwe telf potenzjali, billi tiggarantixxi dħul minimu, daqs jew ogħla mill-investimenti magħmula u l-ispejjeż li l-operatur ekonomiku jkollu jġarrab b'rabta mat-twettiq tal-kuntratt. Fl-istess ħin għandu jkun iċċarat li ċerti arranġamenti li huma remunerati esklużivament minn awtorità kontraenti jew minn entità kontraenti għandhom jikkwalifikaw bħala konċessjonijiet fejn l-irkupru tal-investimenti u l-ispejjeż imġarrba mill-operatur għall-eżekuzzjoni tax-xogħol jew il-forniment tas-servizz jiddependi mid-domanda attwali għal jew il-provvista tas-servizz jew l-assi.

[…]

(20) Riskju operattiv għandu jirriżulta minn fatturi li huma barra mill-kontroll tal-partijiet. Riskji bħal dawk marbuta ma' ġestjoni ħażina, nuqqasijiet kuntrattwali mill-operatur ekonomiku jew minħabba kawżi ta' force majeure mhumiex deċiżivi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala konċessjoni, peress li dawk ir-riskji huma inerenti f'kull kuntratt, kemm jekk ikun kuntratt pubbliku ta' akkwist kif ukoll konċessjoni. Riskju operattiv għandu jinftiehem bħala r-riskju ta' espożizzjoni għall-inċertezzi tas-suq, li jistgħu jikkonsistu jew f'riskju relatat mad-domadna jew riskju relatat mad-disponibbiltà, jew kemm riskju tad-domanda kif ukoll tad-disponibbiltà. Ir-riskju tad-domanda għandu jinftiehem bħala r-riskju fuq id-domanda reali għax-xogħlijiet jew is-servizzi li jkunu s-suġġett tal-kuntratt. Ir-riskju tad-disponibilità għandu jinftiehem bħala r-riskju fuq il-forniment tax-xogħlijiet jew servizzi li jkunu l-oġġett tal-kuntratt, b'mod partikolari r-riskju li l-forniment tas-servizzi mhux se jaqbel mad-domanda. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju operattiv il-valur preżenti nett tal-investimenti, l-ispejjeż u d-dħul kollu tal-konċessjonarju għandu jitqies b'mod konsistenti u uniformi.

[…]

(52) Id-durata ta' konċessjoni għandha tkun limitata sabiex tiġi evitata l-esklużjoni mis-suq u r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, konċessjonijiet ta' durata twila ħafna x'aktarx jirriżultaw fl-esklużjoni mis-suq, u b'hekk jistgħu jxekklu l-moviment liberu ta' servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. Madankollu, durata bħal din tista' tkun iġġustifikata jekk hija indispensabbli biex il-konċessjonarju jkun jista' jirkupra investimenti ppjanati biex iwettaq il-konċessjoni, kif ukoll biex jikseb ritorn fuq il-kapital investit.

B'konsegwenza, għal konċessjonijiet b'durata ta' aktar minn ħames snin, id-durata għandha tkun limitata għall-perijodu li fih il-konċessjonarju jkun mistenni b'mod raġonevoli li jirkupra l-investiment li sar għall-operat tax-xogħlijiet u s-servizzi flimkien ma' ritorn fuq il-kapital investit taħt kondizzjonijiet operattivi normali, b'kont meħud ta' objettivi kuntrattwali speċifiċi li saru mill-konċessjonarju sabiex iwettaq rekwiżiti relatati, pereżempju, mal-kwalità jew il-prezz għall-utenti. L-istima għandha tkun valida fil-mument tal-għoti tal-konċessjoni. Għandu jkun possibbli li tinkludi investimenti inizjali u investimenti ulterjuri meqjusin li huma meħtieġa għat-tħaddim tal-konċessjoni b'mod partikolari l-infiq fuq l-infrastruttura, il-copyrights, il-privattivi, it-tagħmir, il-loġistika, il-kiri, it-taħriġ tal-persunal u spejjeż inizjali. Id-durata massima tal-konċessjoni għandha tkun indikata fid-dokumenti tal-konċessjoni sakemm id-durata ma tintużax bħala kriterju għall-għoti ta' kuntratt. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom dejjem ikunu jistgħu jagħtu konċessjoni għal perijodu iqsar miż-żmien meħtieġ biex jirkupra l-investimenti, bil-kondizzjoni li l-kumpens relatat ma jeliminax ir-riskju operattiv."

4 Intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist minn awtoritajiet kontraenti u entitajiet kontraenti permezz ta' konċessjoni, li l-valur tagħha huwa stmat li huwa inqas mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 8.

2. Din id-Direttiva tapplika għall-għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi, lil operaturi ekonomiċi minn:

a) Awtoritajiet kontraenti;

[…]"

5 Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Prinċipju ta' trattament ugwali, nondiskriminazzjoni u trasparenza":

"1. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

It-tfassil tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni, inkluż l-istima tal-valur, m'għandux isir bil-ħsieb li din tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew sabiex jagħti vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti operaturi ekonomiċi jew ċerti xogħlijiet, provvisti jew servizzi.

[…]"

6 Intitolat "Definizzjonijiet", l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23 jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'konċessjonijiet' tfisser konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi, kif definit fil-punti (a) u (b):

[…]

b) ‘konċessjoni ta’ servizzi’ tfisser kuntratt b’interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta’ servizzi li mhumiex twettiq ta’ xogħlijiet kif imsemmi fil-punt (a) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta’ sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f’dak id-dritt flimkien ma’ ħlas.

L-għoti ta’ konċessjoni ta’ xogħlijiet jew servizzi għandu jinvolvi t-trasferiment lill-konċessjonarju ta’ riskju operattiv fl-isfruttament ta’ dawk ix-xogħlijiet jew servizzi, li jinkludi riskju ta’ domanda jew ta’ disponibbiltà jew tat-tnejn. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi r-riskju operattiv, f’kondizzjonijiet ta’ operazzjoni normali, meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni. Il-parti tar-riskju ttrasferita lill-konċessjonarju għandha tinvolvi esponiment reali għall-inċertezzi tas-suq, b’tali mod li kwalunkwe telf potenzjali stmat imġarrab mill-konċessjonarju m’għandux ikun biss nominali jew negliġibbli;

[…]”

7 Mill-Artikolu 8 ta’ din id-direttiva, intitolat “Limitu u metodi għall-kalkolu tal-valur stmat ta’ konċessjoni”, jirriżulta:

“1. Din id-Direttiva tapplika għal konċessjonijiet li l-valur tagħhom huwa daqs jew aktar minn EUR 5 350 000.

2. Il-valur ta’ konċessjoni għandu jkun il-fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)], kif stmat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti, b’kont meħud tax-xogħlijiet u s-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni, kif ukoll il-fornimenti inċidentali ta’ tali xogħlijiet u servizzi.

[…]

3. Il-valur stmat tal-konċessjoni għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta’ metodu oġġettiv speċifikat fid-dokumenti tal-konċessjoni. Meta jikkalkolaw il-valur stmat tal-konċessjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom, fejn applikabbli, iqisu b’mod partikolari:

a) il-valur ta’ kwalunkwe forma ta’ opzjoni u kwalunkwe estensjoni tad-durata tal-konċessjoni;

b) id-dħul minn ħlasijiet ta’ tariffi u multi mill-utenti tax-xogħlijiet jew servizzi għajr dawk miġbura f’isem l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti;

c) il-ħlasijiet jew kwalunkwe vantaġġ finanzjarju tkun xi tkun il-forma tagħhom magħmula mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jew kwalunkwe awtorità pubblika oħra lill-konċessjonarju inkluż il-kumpens għall-konformità ma’ obbligu ta’ servizz pubbliku u sussidji ta’ investiment pubbliku;

[…]”

8 Skont l-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Tul ta’ żmien tal-konċessjoni”:

“1. It-tul ta’ żmien tal-konċessjonijiet għandu jkun limitat. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tivvaluta t-tul ta’ żmien abbażi tax-xogħlijiet jew is-servizzi mitluba.

2. Għal konċessjonijiet li jdumu aktar minn ħames snin, il-tul ta' żmien massimu tal-konċessjoni m'għandux jeċċedi ż-żmien li konċessjonarju jista' jkun mistenni jieħu biex jiġbor l-investimenti mwettqa fl-operazzjonijiet tax-xogħlijiet jew tas-servizzi flimkien ma' redditu raġonevoli fuq il-kapital investit b'kont meħud tal-investimenti li jkunu meħtieġa jiksbu l-objettivi kuntrattwali speċifiċi.

L-investimenti li jkunu kkunsidrati għall-finijiet tal-kalkolu għandhom jinkludu kemm l-investimenti inizjali kif ukoll dawk ta' matul il-ħajja tal-konċessjoni."

9 Intitolat "Kuntratti mħallta", l-Artikolu 20 tal-istess direttiva jipprevedi:

"[…]

2. Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari jkunu oġġettivament separabbli, għandhom japplikaw il-paragrafu 3 u 4. Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari ma jkunux oġġettivament separabbli, għandu japplika l-paragrafu 5.

[…]

Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, li waħda minnhom tkun soġġetta jew għall-Anness II ta' din id-Direttiva jew għad-Direttiva 2014/25/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243)], id-dispożizzjonijiet applikabbli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 22 ta' din id-Direttiva u mal-Artikolu 6 tad-Direttiva [2014/25], rispettivament.

[…]

4. Fil-każ ta' kuntratti mħallta li fihom elementi ta' konċessjonijiet kif ukoll elementi ta' kuntratti pubbliċi koperti mid-Direttiva [2014/24] jew kuntratti koperti mid-Direttiva [2014/25], il-kuntratt imħallat għandu jingħata f'konformità mad-Direttiva [2014/24] jew mad-Direttiva [2014/25] rispettivament.

[…]"

10 Intitolat "Operaturi ekonomiċi", l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2014/23 jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi, inklużi assoċjazzjonijiet temporanji, jistgħu jipparteċipaw fi proċeduri tal-għoti ta' konċessjoni. Huma ma jistgħux jintalbu mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti biex ikollhom forma legali speċifika sabiex jippreżentaw offerta jew talba biex jipparteċipaw.

Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jikkjarifikaw fid-dokumenti tal-konċessjoni kif il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-istatus ekonomiku u finanzjarju jew tal-kapaċità teknika u professjonali msemmija fl-Artikolu 38 dment li dan ikun iġġustifikat b'raġunijiet oġġettivi u jkun proporzjonat. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu termini standard dwar kif gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti. Kwalunkwe kondizzjoni għall-prestazzjoni ta' konċessjoni minn tali gruppi ta' operaturi ekonomiċi, li huma differenti minn dawk imposti fuq parteċipanti individwali, għandhom ukoll ikunu ġġustifikati b'raġunijiet oġġettivi u proporzjonati."

11 Intitolat "Nomenklaturi", l-Artikolu 27 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Kwalunkwe referenza għan-nomenklaturi fil-kuntest tal-għoti ta' konċessjonijiet għandha ssir billi jintuża l-'Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV)' kif adottat mir-Regolament [Nru 2195/2002]."

12 Intitolat "Avviżi ta' konċessjonijiet", l-Artikolu 31 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li:

"Avviżi ta' konċessjoni għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Anness V u, fejn adatt, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità jew l-entità kontraenti, skont il-format tal-formoli standard."

13 Intitolat "Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-avviżi tal- konċessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31", l-Anness V tal-istess direttiva jipprevedi:

"[...]

4. Deskrizzjoni tal-konċessjoni: in-natura u l-firxa tax-xogħlijiet, in-natura u l-firxa tas-servizzi, l-ordni tal-kobor jew il-valur indikattiv, u, fejn possibbli, it-tul tal-kuntratt. Fejn il-konċessjoni tinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott. Fejn ikun adatt, deskrizzjoni ta' kwalunkwe opzjonijiet.

5. Kodiċi CPV. Fejn il-konċessjoni tinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

[...]

7. Kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi

[...]

b) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk il-forniment tas-servizz huwiex riżervat minn dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva għal professjoni partikolari; referenza għad-dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva rilevanti,

c) lista u deskrizzjoni qasira tal-kriterji ta' [s]elezzjoni fejn applikabbli; livell(i) minimu/i ta' standards li possibbilment ikunu meħtieġa; indikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa (awtodikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni)[.]"

14 Intitolat "Garanziji proċedurali", l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2014/23 jipprevedi:

"[...]

2. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tipprovdi:

a) fl-avviż tal-konċessjoni, deskrizzjoni tal-konċessjoni u tal-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni;

b) fl-avviż tal-konċessjoni, fl-istedina għall-preżentazzjoni ta' offerta jew f'dokumenti oħra tal-konċessjoni, deskrizzjoni tal-kriterji tal-għotja u, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu.

[…]

4. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tikkomunika deskrizzjoni tal-organizzazzjoni prevista tal-proċedura u skadenza indikattiva għat-tlestija lill-parteċipanti kollha. Kwalunkwe modifika għandha tiġi kkomunikata lill-parteċipanti kollha u, jekk il-modifika tkun tikkonċerna elementi żvelati fl-avviż tal-konċessjoni, hija għandha tiġi rreklamata lill-operaturi ekonomiċi kollha.

[…]"

15 Intitolat "Selezzjoni u valutazzjoni kwalittattiva tal-kandidati", l-Artikolu 38 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw il-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni relatati mal-kapaċità professjonali u teknika u l-istatus finanzjarju u ekonomiku tal-kandidati jew l-offerenti, abbażi ta' awtodikjarazzjonijiet, referenza jew referenzi li għandhom jiġu ppreżentati bħala prova f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-avviż tal-konċessjoni li għandhom ikunu nondiskriminatorji u proporzjonati għas-suġġett tal-konċessjoni. Il-kondizzjonijiet għal parteċipazzjoni għandhom ikunu relatati u proporzjonati għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-kapaċità tal-konċessjonarju li jwettaq il-konċessjoni, b'kont meħud tas-suġġett tal-konċessjoni u l-fini li tiżgura kompetizzjoni ġenwina.

2. Bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1, operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal konċessjoni partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabtiet tiegħu magħhom. Fejn operatur ekonomiku jixtieq joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, huwa għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti li ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, matul il-perijodu tal-konċessjoni, ir-riżorsi neċessarji, pereżempju, billi jipproduċi impenn minn dawk l-entitajiet għal dak l-għan. Fir-rigward tal-qagħda finanzjarja, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tirrikjedi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli konġuntament għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

3. Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fl-Artikolu 26 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

[…]"

*Id-Direttiva 2014/24*

16 Intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/24 jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi kif ukoll tal-kompetizzjonijiet ta' disinn, li l-valur tagħhom huwa stmat li mhuwiex inqas mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4.

2. Fis-sens ta' din id-Direttiva l-akkwist [l-għoti ta' kuntratt] huwa akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, sew jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi huma maħsuba għal skop pubbliku u sew jekk le.

[…]”

17 Intitolat “Definizzjonijiet”, l-Artikolu 2 ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

5. ‘kuntratti pubbliċi’ tfisser kuntratti b’titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista ta’ prodotti jew il-provvista ta’ servizzi.

[…]

8. ‘kuntratti pubbliċi ta’ provvisti’ tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, [il-leasing,] il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta’ xiri, ta’ prodotti. Kuntratt ta’ provvista pubblika jista’ jinkludi, b’mod inċidentali, operazzjonijiet ta’ tqegħid fil-post u installazzjoni;

9. ‘kuntratti pubbliċi ta’ [għal] servizzi’ tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala għan il-forniment ta’ servizzi għajr dawk imsemmija fil-punt 8 [6] […];

[…]”

18 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Akkwist imħallat”, jipprevedi:

“[…]

4. Fil-każ ta’ kuntratti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-akkwist kopert b’din id-Direttiva kif ukoll akkwist mhux kopert b’din id-Direttiva, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema reġim legali japplika għal kwalunkwe wieħed minn tali kuntratti separati għandha tittieħed abbażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata.

Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, din id-Direttiva għandha, dment li ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 16, tapplika għall-kuntratt imħallat li jirriżulta, irrispettivament mill-valur tal-partijiet li kieku jaqgħu taħt reġim legali differenti u irrispettivament mil-liema reġim legali li dawk il-partijiet kienu jkunu soġġetti għalihom.

F’każ ta’ kuntratti mħallta li jkun fihom elementi ta’ kuntratti ta’ provvista, xogħlijiet u servizzi u ta’ konċessjonijiet, il-kuntratt imħallat għandu jingħata skont din id-Direttiva, sakemm il-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li tikkostitwixxi kuntratt kopert b’din id-Direttiva, ikkalkulat skont l-Artikolu 5, hu ugwali jew akbar mil-limitu rilevanti stipulat fl-Artikolu 4.

[…]”

19 Intitolat "Limiti stabbiliti", l-Artikolu 4 tal-istess direttiva jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-akkwisti li l-valur stmat tagħhom barra t-taxxa fuq il-valur miżjud [TVA] huwa daqs jew aktar mil-limiti stabbiliti li ġejjin:

[…]

b) EUR 134 000 għall-kuntratti ta' provvisti u ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali u l-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn awtoritajiet bħal dawn; fejn jingħataw kuntratti pubbliċi ta' provvista minn awtoritajiet kontraenti li joperaw fil-qasam tad-difiża, dak il-limitu stabbilit għandu japplika biss għall-kuntratti li jikkonċernaw prodotti koperti mill-Anness III;

c) EUR 209 000 għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti u ta' servizzi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti subċentrali u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn tali awtoritajiet […]

[…]"

20 L-Artikolu 18 ta' din id-direttiva jistabbilixxi l-"[p]rinċipji tal-akkwist".

21 Intitolat "Nomenklaturi", l-Artikolu 23 ta' din id-direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Kwalunkwe referenza għan-nomenklaturi fil-kuntest tal-akkwist pubbliku għandha ssir billi jintuża l-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV) kif adottat mir-Regolament [Nru 2195/2002]."

22 Intitolat "Forma u manjiera ta' pubblikazzjoni tal-avviżi", l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2014/24 jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"L-avviżi msemmija fl-Artikoli 48, 49 u 50 għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness V fil-format ta' forom standard, inklużi forom standard għal rettifiki."

23 Intitolat "Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi", l-Anness V ta' din id-direttiva jinkludi Parti C, iddedikata għall-"[i]nformazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi dwar kuntratti (kif imsemmija fl-Artikolu 49)", li l-punt 7 tiegħu jipprevedi:

"[…]

7. Deskrizzjoni qasira tal-akkwist: in-natura u sa fejn huma estiżi x-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi. Meta l-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta għal kull lott. Fejn xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe għażla. provduta għal kull lott. Fejn xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe għażla.

[…]"

24 Taħt it-titolu "Kriterji ta' għażla", l-Artikolu 58 tal-imsemmija direttiva jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Kriterji ta' għażla jistgħu jirreferu għal:

a) l-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali;

b) il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja;

c) il-kapaċità teknika u professjonali.

Bħala rekwiżiti għall-parteċipazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu biss il-kriterji msemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4 dwar l-operaturi ekonomiċi. Huma għandhom jillimitaw kwalunkwe rekwiżit għal dawk li huma addati biex jiġi żgurat li kandidat jew offerent għandu l-kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali li jwettaq il-kuntratt li għandu jingħata. Ir-rekwiżiti kollha għandhom ikunu relatati u proporzjonati mas-suġġett tal-kuntratt.

2. Fir-rigward tal-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri professjonali jew kummerċjali miżmuma fl-Istati Membri ta' stabbiliment tagħhom, kif spjegat fl-Anness XI jew biex jikkonformaw ma' kwalunkwe talba oħra stabbilita f'dak l-Anness.

Fil-proċeduri tal-akkwist għal servizzi, sa fejn l-operaturi ekonomiċi jrid ikollhom awtorizzazzjoni partikolari jew ikunu membri ta' organizzazzjoni partikolari sabiex ikunu jistgħu jwettqu s-servizz ikkonċernat fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, l-awtorità kontraenti tista' titlobhom jagħtu prova li għandhom awtorizzazzjoni jew sħubija bħal din."

25 L-Anness XI tal-istess direttiva intitolat "Reġistri" jipprevedi:

"Ir-reġistri professjonali u tan-negozji u d-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati korrispondenti għal kull Stat Membru huma:

– [...]

– fis-Slovenja, is-'sodni register' u l-'obrtni register';

– [...]"

*Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 2015/1986*

26 L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986 jipprevedi:

"L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jużaw, għall-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija fl-Artikoli 31, 32 u 43 tad-Direttiva [2014/23] f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-formoli standard stipulati fl-Annessi XI, XVI, XX, XXI u XXII ta' dan ir-Regolament."

27 Il-formola standard li tinsab fil-punti II.1.1 (II.) sa II.1.4), II.2.1), II.2.2) u II.2.4) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, tobbliga lill-awtorità kontraenti tippreċiża, fl-avviż ta' konċessjoni, rispettivament it-titolu tal-kuntratt, il-kodiċi CPV prinċipali, it-tip ta' kuntratt, deskrizzjoni fil-qosor, iċ-CPV addizzjonali u d-deskrizzjoni tas-servizzi.

28 L-Anness XXI tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni jinkludi formola standard li hija relatata mal-"[a]vviżi ta' konċessjoni", fis-sens tad-Direttiva 2014/23, li l-punt III.1.1 tagħha jaqra kif ġej:

"Idoneità għall-attività professjonali, inklużi rekwiżiti relatati mar-reġistrazzjoni fuq reġistri professjonali jew kummerċjali [:]

Lista u deskrizzjoni fil-qosor ta' kondizzjonijiet, indikazzjonijiet ta' informazzjoni u tad-dokumentazzjoni meħtieġa."

*Ir-Regolament Nru 2195/2002*

29 Il-premessi 1 u 3 tar-Regolament Nru 2195/2002 jistabbilixxu:

"(1) L-użu ta' klassifikazzjonijiet differenti huwa ta' detriment għall-onestà u t-trasparenza ta' akkwist pubbliku fl-Ewropa. L-impatt tiegħu fuq il-kwalità ta' avviżi u l-ħin meħtieġ biex jiġu pubblikati huwa restrizjoni de facto fuq l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi għal kuntratti pubbliċi.

[...]"

(3) Hemm il-ħtieġa li jiġu standardizzati, permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni waħda għall-akkwist pubbliku, ir-riferenzi wżati mill-awtoritajiet u l-entitajiet fil-kuntratt biex jiddeskrivu s-suġġett tal-kuntratti."

30 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2195/2002 jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Sistema ta' klassifikazzjoni waħda li tgħodd għall-akkwist pubbliku, magħrufa bħala 'l-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist' jew 'CPV' huwa hawnhekk stabbilit.

2. It-test tas-CPV huwa mniżżel fl-Anness I."

*Ir-Regolament Nru 1893/2006*

31 Intitolat "Suġġett u ambitu", l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1893/2006 jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament jistabblixxi klassifikazzjoni komuni ta' l-istatisitka fir-rigward ta' l-attivitajiet ekonomiċi [fl-Unjoni], minn hawn 'il quddiem imsejjħa n-'NACE Rev.1'. Din il-klassifikazzjoni tiżgura li l-klassifikazzjonijiet [tal-Unjoni] huma rilevanti għar-realtà ekonomika u ttejjeb il-komparabilità bejn il-klassifikazzjonijiet nazzjonali, tal-[tal-Unjoni] u internazzjonali u, b'hekk, ta' l-istatistika nazzjonali, tal-[tal-Unjoni] u internazzjonali.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-użu tal-klassifikazzjonijiet għal għanijiet ta' statistika."

### *Id-dritt Sloven*

32 Iz-Zakon o nekaterih koncesijskih pogodbah (il-Liġi Dwar Ċerti Kuntratti ta' Konċessjoni) (Uradni list RS, Nru 9/2019), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, tirregola ċerti kuntratti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet u ta' servizzi ta' valur stmat mingħajr VAT ogħla jew ugwali għal dak previst fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/23.

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

33 Matul l-2020, il-Komun ta' Ljubljana ddeċieda li jibda proċedura ta' għoti ta' konċessjoni għall-ħolqien u l-ġestjoni, fit-territorju tiegħu, ta' servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi. Il-valur totali tal-proġett kien stmat għal EUR 14 989 000 mingħajr VAT, peress li l-kontribuzzjoni finanzjarja tas-sieħeb privat kienet stmata għal EUR 14 570 000 mingħajr VAT u dak tal-Komun għal EUR 36 000 mingħajr VAT.

34 Il-kontribuzzjoni finanzjarja tas-sieħeb privat kellha tinqasam kif ġej: flotta eżistenti ta' vetturi elettriċi: EUR 5 000 000; teknoloġija eżistenti: EUR 1 500 000; persunal u żvilupp: EUR 1 400 000; akkwist ta' vetturi elettriċi ġodda matul il-konċessjoni: EUR 6 250 000; titjib tal-postijiet għall-parkeġġ: EUR 180 000; ħolqien ta' stazzjonijiet ta' rikarika: EUR 240 000.

35 Id-dokumenti relatati mal-kuntratt inkwistjoni jużaw il-kodiċi prinċipali CPV 60100000. Barra minn hekk, skont il-"Kontribuzzjonijiet tal-konċedent u tal-konċessjonarju", huwa previst li "[...]d-dħul mit-taxxi għall-postijiet ta' parkeġġ u stazzjonijiet ta' rikarika kif ukoll mit-taxxi tal-parkeġġ għandhom jitqiesu bħala l-kontribuzzjoni tal-konċedent għall-implimentazzjoni tal-proġett" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

36 Barra minn hekk, fl-"Istruzzjonijiet għall-preżentazzjoni ta' offerta" tiegħu, il-Komun ta' Ljubljana, sabiex jiddeskrivi s-"suġġett tar-relazzjoni ta' konċessjoni", indika li l-implimentazzjoni tal-proġett ta' ħolqien u ta' ġestjoni ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi kienet tkopri:

"a) it-twettiq tal-investimenti neċessarji għall-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi fit-territorju tal-[komun ta' Ljubljana] u li jinkludi:

- il-kostituzzjoni ta' fond ta' mill-inqas 200 vettura elettrika intiżi għall-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi [...],
- il-kunċett ta' network pubbliku ta' spazji sabiex jintużaw il-vetturi u ċentri ta' rikarika sabiex il-vetturi elettriċi jiġu rrikarikati [...],
- il-ħolqien ta' soluzzjoni informatika moderna u faċli għall-utent sabiex jingħata s-servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi,

b) il-provvista tas-servizz ta' kiri u ta' tqassim ta' vetturi elettriċi [...], inkluż bil-ħolqien ta' sistema ċentralizzata ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi li tippermetti l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-proġett u b'mod partikolari:

- l-obbligu li tiġi ggarantita u ġestita flotta ta' vetturi b'mod perfett tal-funzjonament li jinkludi b'mod partikolari servizzi regolari u t-tiswijiet b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti

tat-traffiku, ir-reġistrazzjoni, l-assigurazzjoni u spejjeż oħra tal-funzjonament għall-użu normali tal-vetturi. […] Il-konċessjonarju jassumi wkoll l-obbligu li jimmodernizza regolarment il-flotta tal-vetturi skont ritmu ddefinit fil-kuntratt,

– l-obbligu li jiġi ggarantit u ġestit network ta' spazji sabiex jinkrew vetturi u ta' rikarika sabiex il-vetturi elettriċi jiġu installati mill-ġdid, l-obbligu li jagħmel manutenzjoni regolarment u l-obbligu li jiġu ggarantiti postijiet ta' rikarika fi stat ta' essenzjalment funzjonament bil-kundizzjonijiet u skont is-sistema li għandha tiġi ddefinita fil-kuntratt,

– il-garanzija ta' sistema adegwata ta' appoġġ għall-utenti.

[…]

L-obbligi prinċipali tal-konċessjonarju:

– […]

– il-konċessjonarju jassumi matul il-perijodu kopert mill-kuntratt ir-riskji tekniċi, teknoloġiċi u finanzjarji kollha għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' investiment u oħrajn kif ukoll għall-provvista tas-servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, inkluż ir-riskju fir-rigward tal-profittabbiltà tal-investimenti mwettqa. Il-konċessjonarju jassumi wkoll ir-riskju fir-rigward tal-aċċessibbiltà u tad-disponibbiltà tas-sistema maħluqa kif ukoll ir-riskju marbut mad-domanda;

– […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

37 Minn dawn l-istruzzjonijiet jirriżulta wkoll li l-proġett inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jipproteġi l-ambjent u jsaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' kunċetti ta' mobbiltà sostenibbli. Fl-aħħar l-imsemmija istruzzjonijiet jipprevedu, bħala "raġunijiet ta' esklużjoni", l-obbligu għal kandidat li jiġi rreġistrat sabiex jeżerċita, fil-klassifikazzjoni standard nazzjonali tal-attivitajiet, l-attività 77.110 (Kiri u leasing ta' karozzi u ta' vetturi bil-mutur ħfief) (iktar 'il quddiem l-"attività 77.110"), filwaqt li huwa ppreċiżat li, fil-każ ta' offerta ppreżentata fi sħubija, il-kundizzjoni għandha tiġi ssodisfatta minn kull wieħed mill-imsieħba.

38 Fis-17, 18 u 19 ta' Frar 2021, Sharengo għamlet, permezz tal-portal tal-kuntratti pubbliċi, diversi mistoqsijiet marbuta mas-sejħa għal offerti u indikat li ċerti rekwiżiti tal-Komun ta' Ljubljana kienu jiksru l-leġiżlazzjoni Slovena dwar is-sħubijiet pubbliċi-privati kif ukoll dik li tirregola l-kuntratti pubbliċi.

39 Sa mid-19 ta' Frar 2021, u għalhekk anki qabel l-iskadenza tat-terminu li kellu dan il-komun sabiex iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, Sharengo ressqet talba għal reviżjoni quddiem l-imsemmi komun. Hija sostniet b'mod partikolari li, peress li s-suġġett tal-kuntratt jinkludi t-twettiq ta' investimenti li ma humiex direttament marbuta mal-kiri u mal-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, ir-rekwiżit li l-imsieħba kollha jkunu rreġistrati għall-attività 77.110 kien sproporzjonat u diskriminatorju. Tali rekwiżit jirrestrinġi l-kompetizzjoni u jipprekludi l-kooperazzjoni ma' msieħba stabbiliti barra mill-pajjiż. Għaldaqstant, Sharengo talbet l-annullament tad-diversi kundizzjonijiet, kriterji u rekwiżiti u, sussidjarjament, il-proċedura ta' sejħa għal offerti kollha.

40 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2021, il-Komun ta' Ljubljana ċaħad din it-talba għal reviżjoni minħabba n-natura prematura tagħha.

41 Madankollu, il-mistoqsijiet ta’ Sharengo wasslu lill-Komun ta’ Ljubljana sabiex jippreċiża li r-rekwiżit li jiġi inkluż fl-attività 77.110 għandu jiġi ssodisfatt mill-kandidat u li, fil-każ ta’ offerta ppreżentata fi sħubija, din għandha tiġi ssodisfatta minn kull wieħed mill-imsieħba peress li l-konklużjoni tal-kuntratt ta’ sħubija tistabbilixxi bejniethom responsabbiltà *in solidum*. Min-naħa l-oħra, l-operaturi ekonomiċi l-oħra implikati fid-dikjarazzjoni tal-kandidat ma għandhomx bżonn jissodisfaw il-kundizzjoni. Barra minn hekk, jekk l-operaturi ekonomiċi ma humiex imniżżla fir-reġistru tal-kummerċ jew professjonali tar-Repubblika tas-Slovenja, il-konċedent għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-klassifikazzjoni li, skont id-deskrizzjoni tagħha, tikkorrispondi mas-suġġett tal-kuntratt.

42 Peress li ċaħdet it-talba għal reviżjoni ta’ Sharengo, il-Komun ta’ Ljubljana kellu jibgħatha għal eżami lid-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali ta’ Kontroll tal-Proċeduri tal-Għoti ta’ Kuntratti Pubbliċi, is-Slovenja), li dan għamlet fit-8 ta’ Marzu 2021.

43 Fuq stedina ta’ din tal-aħħar, il-Lomun ta’ Ljubljana indika, f’ittra tas-7 ta’ April 2021, l-ewwel, li l-Liġi dwar Ċerti Kuntratti ta’ Konċessjoni ma kinitx tapplika għaliex il-limitu għall-applikazzjoni tagħha ma kienx intlaħaq, peress li l-valur stmat tal-konċessjoni kien ta’ EUR 3 108 103 mingħajr VAT. Barra minn hekk, il-komun ma jħallasx direttament korrispettiv għall-operat tal-konċessjoni. Fil-fatt, jillimita ruħha, minn naħa, li jirrinunzja għad-drittijiet ta’ parkeġġ fuq il-postijiet ta’ parkeġġ li ser jintużaw għas-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-ammont tiegħu jammonta għal EUR 3 430 328 mingħajr VAT u, min-naħa l-oħra, li jħallas l-ispejjeż tal-manutenzjoni regolari ta’ dawn il-postijiet, għal valur stmat ta’ EUR 84 375 mingħajr VAT. Fl-aħħar, il-komun jibbenefika mid-dħul mit-taxxi annwali għall-postijiet ta’ parkeġġ sal-ammont ta’ valur stmat ta’ EUR 345 000 mingħajr VAT u tat-taxxi għall-boroż ta’ rikarika sal-ammont ta’ valur stmat ta’ EUR 62 000 mingħajr VAT. It-tieni, l-għan tal-komun ta’ Ljubljana huwa li jinħoloq servizz ta’ kiri u ta’ kondiviżjoni ta’ vetturi elettriċi u mhux li jakkwista merkanzija. It-tielet, dan il-komun qies, fid-dawl tat-tqassim previst tar-riskji, li l-kodiċi CPV magħżul, li jikkonċerna l-kiri ta’ oġġetti, jista’ jkun qarrieqi. Fil-fatt, sistema ta’ kondiviżjoni ta’ vetturi elettriċi tmur lil hinn mis-sempliċi kiri ta’ vettura elettrika u tinkludi servizz komplet tal-funzjonament tas-sistema ta’ kondiviżjoni li huwa, fil-kontenut u kunċettwalment, usa’ mis-sempliċi kiri ta’ vettura.

44 Preliminarjament, id-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali ta’ Kontroll tal-Proċeduri ta’ Għoti ta’ Kuntratti Pubbliċi) tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li hija għandha l-kwalità ta’ “qorti nazzjonali”, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, fis-sentenzi tat-8 ta’ Ġunju 2017, Medisanus (C-296/15, EU:C:2017:431, punti 34 sa 38) u tal-10 ta’ Settembru 2020, Tax-Fin-Lex (C-367/19, EU:C:2020:685). Din il-qorti żżid li, meta, bħal fil-kawża prinċipali, it-talba għal reviżjoni tirrigwarda l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, li jkopru, minbarra l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt fil-veru sens tal-kelma id-dokumentazzjoni relatata mal-għoti tal-kuntratt jew tal-konċessjoni, hija għandha tiddeċiedi bħala “qorti jew tribunal ta’ Stat Membru li kontra d-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali”, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

45 F’dan il-każ, il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali tiddependi fuq il-punt dwar jekk ir-relazzjoni kuntrattwali futura bejn il-komun u l-operatur ekonomiku tistax tiġi kklassifikata bħala “konċessjoni ta’ servizzi”, fis-sens tal-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, jew bħala “kuntratt pubbliku”, fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24.

46 F'din il-perspettiva, din il-qorti tqis li għandha quddiemha tliet diffikultajiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

47 Fl-ewwel lok, hija tistaqsi dwar il-modalitajiet ta' determinazzjoni tal-valur stmat ta' konċessjoni ta' servizzi. Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, li l-Komun ta' Ljubljana qies li l-kontribuzzjoni finanzjarja tas-sieħeb privat kienet tammonta għal EUR 14 570 000 mingħajr VAT filwaqt li l-kontribuzzjoni tiegħu kienet ta' EUR 36 000 mingħajr VAT. Din l-istima hija madankollu żbaljata peress li, kif jirriżulta mill-punt 43 ta' din is-sentenza, dan il-komun ammetta li l-kontribuzzjoni tiegħu tammonta għal EUR 3 108 103 mingħajr VAT. L-investiment tal-imsemmi komun jaqbeż, konsegwentement, il-limiti previsti fl-Artikolu 4(b) u (ċ) tad-Direttiva 2014/24, iżda mhux il-limitu ta' EUR 5 350 000 stabbilit mill-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/23.

48 Madankollu, peress li l-valur stmat tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-imsieħeb privat huwa ta' EUR 14 570 000 mingħajr VAT, huwa loġiku li d-dħul ta' dan tal-aħħar, li jipprova jagħmel profitt bl-implimentazzjoni tal-proġett, jammonta tal-inqas għal EUR 14 977 000 mingħajr VAT, sabiex ikopri l-investimenti kollha u l-ħlas tat-taxxi annwali għall-postijiet ta' parkeġġ u t-taxxi ta' tiġdid għall-istazzjonijiet ta' rikarika. Jekk ikun il-każ, anki li kieku kellu jiġi eskluż minn dan il-kalkolu l-investiment ta' EUR 5 000 000 mingħajr VAT fil-flotta eżistenti ta' vetturi elettriċi, il-kontribuzzjoni tas-sieħeb privat tibqa' ogħla mil-limitu ta' EUR 5 350 000 mingħajr VAT.

49 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, minn naħa, jekk il-proġett inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandux l-għan li jagħti lill-Komun ta' Ljubljana provvisti jew li jagħti lill-parti kontraenti tiegħu l-provvista u l-ġestjoni tas-servizzi u, min-naħa l-oħra, jekk il-Kodiċi CPV magħżul mill-awtorità kontraenti fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt jew tal-konċessjoni jistax ikollu influwenza fuq il-klassifikazzjoni ta' kuntratt.

50 Peress li r-relazzjoni kuntrattwali futura bejn il-komun u l-operatur ekonomiku tidher li tassoċja kemm elementi ta' kuntratt pubbliku għal provvisti fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24 kif ukoll elementi ta' konċessjoni ta' servizzi fis-sens tal-punt 1(b) Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk din ir-relazzjoni kuntrattwali futura għandhiex tiġi kklassifikata bħala "kuntratt imħallat", fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2014/24.

51 Fit-tielet lok, din il-qorti tistaqsi dwar il-possibbiltà għall-Komun ta' Ljubljana li jirrikjedi li kull wieħed mill-imsieħba jissodisfa l-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni tal-attività 77.110, mingħajr ma jikser l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23 jew l-Artikolu 58(1) u (2) tad-Direttiva 2014/24, flimkien mal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni. Dan ir-rekwiżit għandu b'mod partikolari l-konsegwenza li imprenditur ikun jista' jibda jeżerċita l-attività tiegħu biss wara li jkun irreġistra mal-Agencija Republike Slovenije za javnopravne evidence in storitve (l-Aġenzija tar-Repubblika tas-Slovenja Inkarigata mill-Ġestjoni tar-Reġistri Pubbliċi u s-Servizzi Relatati) fir-reġistru tal-kummerċ tar-Repubblika ta' Slovenja.

52 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, f'dan ir-rigward, li, filwaqt li l-Artikolu 58(1) u (2) tad-Direttiva 2014/24 jippermetti lill-awtorità kontraenti tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri professjonali u tal-kummerċ li huma miżmuma fl-Istat Membru ta' stabbiliment, il-kunċett ta' "attività professjonali" ma jidhirx fid-Direttiva 2014/23. Dan is-silenzju tal-Artikolu 38(1) ta' din id-direttiva jista' wkoll jiġi interpretat bħala projbizzjoni għall-awtorità kontraenti li tistabbilixxi kundizzjoni li tikkonċerna l-attività professjonali kif ukoll

bħala awtorizzazzjoni taċita li tiġi inkluża tali kundizzjoni. Din l-aħħar interpretazzjoni tidher inċidentalment akkreditata mill-punt 7(c) tal-Anness V tal-imsemmija direttiva, kif ukoll mill-punt III.1.1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986.

53 Din il-qorti tosserva wkoll li l-Komun ta' Ljubljana ma kienx irrikjeda li l-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni marbuta mal-"attività professjonali" tkun issodisfatta mill-operaturi ekonomiċi li huma f'relazzjoni ta' subordinazzjoni, bħas-subappaltaturi, iżda biss mill-operaturi ekonomiċi li jinsabu mal-operaturi ekonomiċi l-oħra f'relazzjoni ta' koordinazzjoni, bħall-membri ta' grupp ta' operaturi ekonomiċi minħabba li dawn ikunu marbuta b'responsabbiltà *in solidum*. Tali rekwiżit huwa madankollu dissważiv għall-operaturi ekonomiċi li ma humiex irreġistrati sabiex jeżerċitaw l-attività 77.110 jew l-attivitajiet ekwivalenti tal-klassi 77.11 tan-nomenklatura NACE Rév. 2, fis-sens tar-Regolament Nru 1893/2006, iżda li jixtiequ jassoċjaw ruħhom ma' operatur ekonomiku wieħed jew iktar li jistgħu jeżerċitaw din l-attività.

54 Huwa f'dan il-kuntest li d-Državna revizijska komisija za revizijo postopkov oddaje javnih naročil (il-Kummissjoni Nazzjonali ta' Kontroll tal-Proċeduri ta' Għoti tal-Kuntratti Pubbliċi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, filwaqt li ġie ppreċiżat li t-tieni sas-seba' domanda huma bbażati fuq il-premessa li d-Direttiva 2014/23 hija applikabbli għall-kawża prinċipali u li t-tmien, l-għaxar u l-ħdax-il domanda saru biss b'mod sussidjarju, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li ma hijiex applikabbli d-Direttiva 2014/24:

1) Ir-Regolament [Nru 2195/2002] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kiri ta' vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri mingħajr xufier ma jaqax taħt il-grupp 601 tal-Vokabolarju Komuni CPV, iżda taħt il-grupp 341 tal-Vokabolarju Komuni CPV, biż-żieda tal-kodiċi previst fil-Vokabolarju Supplimentari CPV PA01-7 Kiri, biex tiġi kkompletata d-deskrizzjoni, u li ma huwiex influwenzat mill-Kodiċi PB04-7 Mingħajr sewwieq [xufier] tal-Vokabolarju Supplimentari CPV, u għalhekk li mill-qari flimkien tal-kodiċi tal-Grupp 341 tal-Vokabolarju Komuni CPV u tal-Kodiċi PA01-7 Kiri tal-Vokabolarju Supplimentari CPV jirriżulta li l-kiri ta' vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri mingħajr xufier għandu jitqies bħala kuntratt [pubbliku] għal provvista u mhux għal servizzi, u konsegwentement, fil-każ fejn il-komponenti prinċipali tal-investiment tal-operatur ekonomiku għall-implimentazzjoni tal-proġett ta' ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi jikkonsisti fil-provvista ta' vetturi elettriċi, u fejn tali investiment ikun saħansitra ikbar mill-investiment tal-awtorità kontraenti fl-implimentazzjoni tal-proġett, ma jkunx issodisfatt l-element "servizzi" previst fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva [2014/23] u, għalhekk, il-kuntratt għall-implimentazzjoni ta' tali proġett ma huwiex konċessjoni ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23?

2) Il-kunċett ta' "forniment u l-ġestjoni ta' servizzi" previst fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE għandu jiġi interpretat fis-sens li:
   a) il-kunċett ta' "forniment ta' servizzi" previst fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE għandu l-istess sinjifikat tal-kunċett ta' "forniment ta' servizzi" previst fl-Artikolu 2(1)(9) tad-Direttiva [2014/24], ifisser li, fil-każ ta' ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, l-operatur ekonomiku jipprovdi servizzi relatati mal-kiri u mal-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, u jwettaq attivitajiet li jmorru lil hinn mill-kiri u mill-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi,

   u li

b) il-kunċett ta' "ġestjoni ta' servizzi", previst fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE, ifisser li operatur ekonomiku jeżerċita "dritt ta' sfruttament [ta' ġestjoni] tas-servizzi", imsemmi iktar 'il quddiem fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE, biex jiġġenera dħul minn tali ġestjoni, u għalhekk il-kunċett ta' "ġestjoni ta' servizzi" previst fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE ifisser li, fil-każ tal-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, operatur ekonomiku, minħabba l-provvista ta' servizzi koperti mill-kiri u mill-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, u l-attivitajiet li jmorru lil hinn mill-kiri u mill-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, għandu d-dritt li jitlob ħlas mingħand l-utenti għall-provvista tas-servizzi u la huwa obbligat li jħallas il-miżata għall-parkeġġ lill-Komun, u lanqas l-ispejjeż għal manutenzjoni regolari taż-żoni ta' parkeġġ, u li għalhekk huwa leġittimu li jiġġenera dħul fuq din il-bażi?

3) Il-kunċett ta' "fatturat [dħul mill-bejgħ] totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, kif stmat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti, b'kont meħud […] [tas]-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni", previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2014/23/UE, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"fatturat [dħul mill-bejgħ] totali tal-konċessjonarju" jinkludi wkoll il-ħlasijiet imwettqa mill-utenti lill-konċessjonarju nnifsu u, konsegwentement, anki dawn jikkostitwixxu "b'kont meħud [korrispettiv] [tas]-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni"?

4) L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva [2014/23] għandu jiġi interpretat fis-sens li [din id-direttiva] huwa applikabbli meta l-valur tal-investimenti jew il-valur tal-investimenti u tal-ispejjeż sostnuti mill-operatur ekonomiku fil-kuntest ta' konċessjoni ta' servizzi jew sostnuti mill-operatur ekonomiku u mill-awtorità kontraenti fil-kuntest ta' konċessjoni ta' servizzi jaqbeż (manifestament) il-valur ta' EUR 5 350 000, mingħajr VAT?

5) L-Artikolu 38(1) tad-Direttiva [2014/23] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li l-awtorità kontraenti timponi kundizzjoni ta' parteċipazzjoni relatata mal-attività professjonali u li titlob li l-operaturi ekonomiċi jipproduċu provi li jaċċertaw li l-imsemmija kundizzjoni hija sodisfatta, konformement anki mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni [2015/1986], li fl-Anness XXI tiegħu jipprevedi avviż ta' konċessjoni (Formola standard 24), li jinkludi wkoll it-Taqsima III.1.1. Awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-attività professjonali, inklużi r-rekwiżiti relatati mar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali jew fir-reġistru kummerċjali?

6) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ħames domanda, l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva [2014/23], ikkunsidrat flimkien mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni previsti fl-Artikolu 3(1) [ta' din id-direttiva], għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiddetermina l-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni relatata mal-attività professjonali, l-awtorità kontraenti tista' tagħmel riferiment għad-data nazzjonali NACE 77.110 għad-deskrizzjoni tal-attività ta' kiri u ta' leasing ta' karozzi u vetturi bil-mutur ħfief, li għandha l-istess tifsira bħal dak li huwa previst fir-Regolament [Nru 1893/2006,] fl-anness I, NACE REV 2, Klassi 77.11 Kiri u leasing ta' karozzi u vetturi [bil-mutur] ħfief?

7) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ħames domanda, l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva [2014/23], b'mod partikolari fil-parti fejn jagħmel riferiment għar-rekwiżit ta' proporzjonalità, ikkunsidrat flimkien mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni previsti fl-Artikolu 3(1) [ta' din id-direttiva], għandu jiġi interpretat

fis-sens li l-awtorità kontraenti tista' teżiġi li l-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni tal-eżerċizzju tal-attività ta' kiri u ta' leasing ta' karozzi u ta' vetturi bil-mutur ħfief tiġi ssodisfatta minn kull wieħed mill-imsieħba?

8) L-Artikolu 2(1)(8) tad-Direttiva [2014/24] għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun hemm kuntratt pubbliku għal provvista meta (skont il-valur tal-investiment tal-operatur ekonomiku) parti essenzjali mir-relazzjoni kuntrattwali futura bejn il-Komun u l-operatur ekonomiku hija marbuta mal-kiri u mal-kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi intiżi għall-utenti ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, fejn il-Komun ma jinvestix direttament fir-realizzazzjoni tal-proġett għall-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi permezz ta' trasferiment ta' flus lill-operatur ekonomiku, iżda indirettament permezz tar-rinunzja għall-miżati ta' parkeġġ għal perijodu ta' għoxrin sena u permezz tal-provvista ta' manutenzjoni regolari taż-żoni ta' parkeġġ, u l-valur ta' dan l-investiment jaqbeż, fit-total, il-valur previst fl-Artikolu 4(b) jew (c) tad-Direttiva [2014/24], madankollu, tali investiment tal-Komun huwa (kunsiderevolment) iżgħar kemm mill-investiment totali tal-operatur ekonomiku fil-proġett għall-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, kif ukoll mill-investiment tal-operatur ekonomiku fil-parti tal-proġett relatata mal-vetturi elettriċi, irrispettivament mill-fatt li l-utenti ser iħallsu lill-operatur ekonomiku għall-użu tal-vetturi elettriċi, u li jiddependi mid-domanda tal-utenti jekk operatur ekonomiku huwiex ser jirnexxielu jikseb dħul tali li juri s-suċċess finanzjarju tal-ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, li hija r-raġuni għalfejn l-operatur ekonomiku jsostni r-riskju operattiv għar-realizzazzjoni tal-proġett, li hija karatteristika ta' konċessjoni ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2014/23/UE, u mhux ta' kuntratt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 2(1)(5) tad-Direttiva [2014/24]?

9) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva [2014/24] għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jikkostitwixxi l-bażi legali għall-applikazzjoni tas-sistema prevista fid-Direttiva [2014/24] għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratt futur bejn il-Komun u l-operatur ekonomiku għall-proġett ta' ħolqien ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi, sa fejn tali kuntratt għandu jitqies bħala kuntratt imħallat, li jinkludi elementi ta' kuntratti pubbliċi għal provvista u għal servizzi u elementi ta' konċessjoni ta' servizzi, peress li l-valur tal-investiment tal-Komun għall-implimentazzjoni ta' tali proġett jaqbeż il-valur previst fl-Artikolu 4(c) tad-Direttiva [2014/24]?

10) L-Artikolu 58(1) u (2) tad-Direttiva [2014/24], ikkunsidrat flimkien mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni previsti fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva [2014/24], għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiddefinixxi l-kundizzjoni ta' parteċipazzjoni relatata mal-attività professjonali l-awtorità kontraenti tista' tagħmel riferiment għad-data nazzjonali NACE 77.110 għad-deskrizzjoni tal-attività kiri u leasing ta' karozzi u vetturi bil-mutur ħfief, li għandha l-istess tifsira bħal dak li huwa previst fir-Regolament 1893/2006 fl-anness I tiegħu, NACE REV 2, Klassi 77.11 Kiri u leasing ta' karozzi u vetturi [bil-mutur] ħfief?

11) L-Artikolu 58(1) tad-Direttiva [2014/24], b'mod partikolari fil-parti fejn jagħmel riferiment għar-rekwiżit ta' proporzjonalità, u l-Artikolu 58(2) tad-Direttiva [2014/24], ikkunsidrat flimkien mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità previsti fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva [2014/24], għandhom jiġu interpretati

fis-sens li l-awtorità kontraenti tista' teżiġi li l-kundizzjoni relatata mar-reġistrazzjoni tal-eżerċizzju tal-attività ta' kiri u ta' leasing ta' karozzi u vetturi bil-mutur ħfief tiġi ssodisfatta minn kull wieħed mill-imsieħba?

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel, it-tieni, it-tmien u d-disa' domanda*

55 Permezz tal-ewwel, it-tieni, it-tmien u d-disa' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi "konċessjoni ta' servizzi" l-operazzjoni li permezz tagħha awtorità kontraenti għandha l-intenzjoni li tafda l-ħolqien u l-amministrazzjoni ta' servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi lil operatur ekonomiku li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu hija fil-parti l-kbira allokata għall-akkwist ta' dawn il-vetturi, u li fiha d-dħul ta' dan l-operatur ekonomiku ġej essenzjalment mit-tariffi mħallsa mill-utenti ta' dan is-servizz.

56 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju titlob preċiżazzjonijiet fir-rigward tad-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' konċessjoni u ta' kuntratt pubbliku, peress li l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom jistgħu jikkoinċidu. Dan huwa, barra minn hekk, wieħed mill-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2014/23, li l-premessa 18 tagħha tipprevedi li hija intiża sabiex tiċċara d-definizzjoni tal-konċessjoni.

57 F'dan ir-rigward, kemm il-kunċett ta' "kuntratt pubbliku", fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24, kif ukoll dak ta' "konċessjoni", fis-sens tal-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, huma kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni u għandhom, għalhekk, jiġu interpretati b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar. Minn dan isegwi li l-klassifikazzjoni legali mogħtija lil kuntratt mid-dritt ta' Stat Membru ma hijiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dan il-kuntratt jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda jew oħra minn dawn id-direttivi u li l-kwistjoni dwar jekk kuntratt għandux jiġi kklassifikat bħala konċessjoni jew bħala kuntratt pubbliku għandha tiġi evalwata esklużivament fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2007, Auroux *et*, C-220/05, EU:C:2007:31, punt 40; tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-382/05, EU:C:2007:445, punt 31, kif ukoll tal-10 ta' Novembru 2011, Norma-A u Dekom, C-348/10, EU:C:2011:721, punt 40).

58 Il-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24 jiddefinixxi "kuntratti pubbliċi" bħala "kuntratti b'titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi." Barra minn hekk, l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva jipprevedi li "l-akkwist [l-għoti ta' kuntratt] huwa akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, sew jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi huma maħsuba għal skop pubbliku u sew jekk le".

59 Dwar il-kunċett ta' "konċessjoni ta' servizzi", dan huwa mfisser fil-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23 bħala "kuntratt b'interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-punt (a) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li

huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas." Konsegwentement u hekk kif tispeċifika t-tieni paragrafu tal-imsemmi punt "[l]-għoti ta' konċessjoni ta' xogħlijiet jew servizzi għandu jinvolvi t-trasferiment lill-konċessjonarju ta' riskju operattiv fl-isfruttament ta' dawk ix-xogħlijiet jew servizzi, li jinkludi riskju ta' domanda jew ta' disponibbiltà jew tat-tnejn. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi r-riskju operattiv, f'kondizzjonijiet ta' operazzjoni normali, meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni. Il-parti tar-riskju ttrasferita lill-konċessjonarju għandha tinvolvi esponiment reali għall-inċertezzi tas-suq, b'tali mod li kwalunkwe telf potenzjali stmat imġarrab mill-konċessjonarju m'għandux ikun biss nominali jew negliġibbli".

60 Mill-paragun ta' dawn id-definizzjonijiet jirriżulta li konċessjoni ta' servizzi hija distinta minn kuntratt pubbliku permezz tal-għoti lill-konċessjonarju tad-dritt, possibbilment flimkien ma' prezz, li jopera s-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni, peress li l-konċessjonarju jkollu, fil-kuntest tal-kuntratt konkluż, ċerta libertà ekonomika sabiex jiddetermina l-kundizzjonijiet tal-operat tas-servizzi li jingħatawlu u li jassumi, fl-istess ħin, ir-riskju marbut mal-operat tal-imsemmija servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, Promoimpresa *et*, C-458/14 u C-67/15, EU:C:2016:558, punt 46).

61 Għaldaqstant, bla ħsara, kif jipprevedi l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/23, li l-valur stmat ta' konċessjoni ma jkunx inqas mil-limiti previsti fl-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, is-sempliċi trasferiment lill-konċessjonarju tar-riskju marbut mal-operat ta' servizzi huwa biżżejjed sabiex jikkaratterizza konċessjoni għal servizzi, fis-sens tal-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-operatur ekonomiku ma tkunx l-istess bħal dik tal-awtorità kontraenti.

62 F'dan il-każ, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-Komun ta' Ljubljana bl-ebda mod ma għandu l-intenzjoni li jipproteġi lill-konċessjonarju kontra kull riskju ta' telf. Ċertament, dan il-komun indika, minn naħa, li kien ser jirrinunzja milli jirċievi s-somma li tikkorrispondi għad-drittijiet ta' parkeġġ fil-postijiet għall-ipparkjar li ser jintużaw għas-servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi u, min-naħa l-oħra, li kien ser jieħu responsabbiltà għall-ispejjeż ta' manutenzjoni regolari tal-postijiet ta' parkeġġ imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-operatur ekonomiku.

63 Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kontribuzzjoni tal-awtorità kontraenti msemmija fil-punt preċedenti ma tistax telimina r-riskju tal-operat għall-operatur ekonomiku. Minn dan isegwi li dan tal-aħħar jista' jirkupra l-investimenti mwettqa u l-ispejjeż sostnuti waqt l-operat tas-servizz inkwistjoni fil-kawża prinċipali biss jekk jikseb dħul sostanzjali mill-ħlas ta' tariffi mill-utenti tas-servizz.

64 Barra minn hekk, il-fatt li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-operatur ekonomiku hija fil-parti l-kbira allokata għall-akkwist ta' vetturi elettriċi ma jistax iwassal sabiex il-proġett ta' sistema pubblika ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi previst mill-Komun ta' Ljubljana jinftiehem bħala "kuntratt imħallat", fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/23.

65 Ċertament, l-Artikolu 20(4) ta' din id-direttiva, flimkien mal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, jipprevedi li, meta kuntratt imħallat jinkludi elementi li jaqgħu taħt il-konċessjonijiet u elementi oħra, li jistgħu jiġu sseparati, li jaqgħu taħt il-kuntratti pubbliċi koperti mid-Direttiva 2014/24,

il-kuntratt imħallat għandu jingħata konformement mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24. Madankollu, sabiex l-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2014/23 ikun applikabbli, għandha tiġi stabbilita wkoll l-eżistenza ta' kuntratt pubbliku, fis-sens tad-Direttiva 2014/24.

66 Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 58 ta' din is-sentenza, mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2014/24 jirriżulta li proċedura ta' għoti ta' kuntratt ittendi għal "akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar [...]". Dwar il-punt 8 tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, huwa jiddefinixxi l-"kuntratti pubbliċi ta' provvisti" bħala "kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, [il-leasing,] il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodotti".

67 Minn dan isegwi li l-awtorità kontraenti li torganizza kuntratt pubbliku għal provvisti għandha l-intenzjoni, hija stess, li tieħu vantaġġ mill-prodotti li hija xtrat, meħuda b'leasing jew mikrija.

68 Issa, dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Fil-fatt, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, fil-kawża prinċipali, il-Komun ta' Ljubljana ma jixtieqx jakkwista, għall-benefiċċju tiegħu, vetturi elettriċi. Għall-kuntrarju, dan il-komun għandu l-intenzjoni li jafda lil operatur ekonomiku l-operat ta' servizz li jippermetti lil terzi jikru vetturi, mingħajr l-intenzjoni li jkun responsabbli għalihom huwa stess, għalihom, stess, u lanqas ma jikri vetturi għall-użu tiegħu stess. B'mod iktar ġenerali, kif jindikaw l-istruzzjonijiet imsemmija fil-punt 36 ta' din is-sentenza, din is-sistema għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ħsara ambjentali kkawżata miċ-ċirkulazzjoni tal-u ta' vi u li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-Komun ta' Ljubljana, b'mod partikolari billi tadotta l-kunċett ta' mobbiltà sostenibbli. Barra minn hekk, sa fejn il-vetturi elettriċi jidhru li ma jistgħux ikunu separabbli mill-konċessjoni ta' servizzi stess, mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2014/23 jirriżulta li dawn il-vetturi għandhom jinftiehmu bħala provvisti marbuta mas-servizzi konċessi.

69 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, ma jidhirx possibbli li tiġi kkaratterizzata l-eżistenza ta' kuntratt pubbliku għal provvisti, fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24.

70 Fl-aħħar, għandu jiġi rrilevat li l-klassifikazzjoni ta' kuntratt bħala konċessjoni, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23, jew kuntratt pubbliku, fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24, ma tistax tirriżulta mill-għażla, mill-awtorità kontraenti, tal-kodiċijiet CPV imsemmija fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt jew tal-konċessjoni, b'mod partikolari fl-Anness V ta' dawn iż-żewġ direttivi. Fil-fatt, l-obbligu li jintużaw kodiċijiet CPV skont ir-Regolament Nru 2195/2002 huwa biss konsegwenza tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/23 jew tad-Direttiva 2014/24, kif jirriżulta rispettivament mill-Artikolu 27 tal-ewwel u mill-Artikolu 23 tat-tieni.

71 Konsegwentement, huwa biss wara li tkun stabbilixxiet li proċedura ta' għoti ta' konċessjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23 jew li proċedura ta' għoti ta' kuntratt taqa' dak tad-Direttiva 2014/24, li awtorità kontraenti hija obbligata li tidentifika l-kodiċi jew il-kodiċijiet CPV rilevanti.

72 Madankollu, għalkemm huma intiżi sabiex jiffaċilitaw l-għarfien mill-operaturi ekonomiċi tal-avviżi ta' kuntratt li jaqgħu taħt is-settur ta' attività tagħhom, il-kodiċijiet CPV jirrappreżentaw biss wieħed mill-elementi tad-deskrizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt, u dan iktar u iktar peress li l-klassifikazzjoni pprovduta mir-Regolament Nru 2195/2002 tista' tirriżulta li fiha lakuni jew obsoleta, b'mod partikolari fid-dawl tal-progress teknoloġiku.

73 B'hekk, bħala prinċipju, ir-riferiment għal kodiċi CPV żbaljat ma għandu l-ebda konsegwenza. Madankollu, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk tali żball ikun jikkostitwixxi indizju tar-rieda tal-awtorità kontraenti li tippreġudika l-interessi ta' operatur ekonomiku wieħed jew iktar u, għaldaqstant, li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Tali ipoteżi fil-fatt taqa' taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/23.

74 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel, it-tieni, it-tmien u d-disa' domandi għandha tkun li l-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi "konċessjoni ta' servizzi" l-operazzjoni li permezz tagħha awtorità kontraenti għandha l-intenzjoni li tafda l-ħolqien u l-ġestjoni ta' servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi lil operatur ekonomiku li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu hija fil-parti l-kbira allokata għall-akkwist ta' dawn il-vetturi, u li fiha d-dħul ta' dan l-operatur ekonomiku jiġu, essenzjalment, mit-tariffi mħallsa mill-utenti ta' dan is-servizz, ladarba tali karatteristiċi huma tali li jistabbilixxu li r-riskju relatat mal-operat tas-servizzi konċessi ġie ttrasferit lill-imsemmi operatur ekonomiku.

### *Fuq it-tielet u r-raba' domanda*

75 Permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiddetermina jekk il-limitu ta' applikabbiltà ta' din id-direttiva ntlaħaqx, l-awtorità kontraenti għandha tqis il-"fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)]" billi jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tariffi li l-utenti ser iħallsu lill-konċessjonarju, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-ispejjeż li l-konċessjonarju u/jew l-awtorità kontraenti jsostnu.

76 Skont l-Artikolu 8(1) u (2) tagħha, din id-direttiva tapplika għall-konċessjonijiet li l-valur tagħhom huwa ta' jew ogħla minn EUR 5 350 000, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-valur ta' konċessjoni jikkorrispondi għad-dħul mill-bejgħ totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul it-tul tal-kuntratt, mingħajr VAT, stmat mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti, bħala korrispettiv għax-xogħlijiet u s-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni kif ukoll tal-provvisti marbuta mal-imsemmija xogħlijiet u servizzi.

77 Peress li d-dħul mill-bejgħ jindika l-ammont li jirriżulta mill-bejgħ ta' prodotti u mill-provvista ta' servizzi, il-"fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)]", fis-sens tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva, jinkludi neċessarjament it-tariffi mħal[]lsa lill-konċessjonarju mill-utenti bħala korrispettiv għall-użu tas-servizzi li ġew konċessi lilu. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(3)(b) tal-istess direttiva jipprevedi b'mod ċar li, "[m]eta jikkalkolaw il-valur stmat tal-konċessjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom, fejn applikabbli, iqisu b'mod partikolari [...] id-dħul minn ħlasijiet ta' tariffi u multi mill-utenti tax-xogħlijiet jew servizzi għajr dawk miġbura f'isem l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti".

78 Barra minn hekk, mill-Artikolu 8(3)(ċ) tad-Direttiva 2014/23 jirriżulta li dan il-kalkolu għandu wkoll jieħu inkunsiderazzjoni "il-ħlasijiet jew kwalunkwe vantaġġ finanzjarju tkun xi tkun il-forma tagħhom magħmula mill-awtorità kontraenti [...] lill-konċessjonarju". Fil-fatt, tali ħlasijiet jew vantaġġi finanzjarji jnaqqsu l-investiment li għandu jagħti l-konċessjonarju.

79 Madankollu, il-"fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)]", għandu neċessarjament, bħala tali, natura futura, mid-definizzjoni tiegħu stess, inċert.

80 Barra minn hekk, l-awtorità kontraenti tista' tikkunsidra wkoll li l-limitu previst għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23 jintlaħaq peress li l-investimenti u l-ispejjeż li għandhom jiġu sostnuti mill-konċessjonarju, waħdu jew flimkien mal-awtorità kontraenti, matul il-perijodu kollu tal-applikazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni jaqbżu manifestament dan il-limitu ta' applikabbiltà. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-investimenti u ta' dawn l-ispejjeż jikkontribwixxi, barra minn hekk, sabiex jagħti natura oġġettiva lill-istima tal-valur ta' konċessjoni li għandha twettaq l-awtorità kontraenti, kif jirrikjedi l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2014/23.

81 Din l-interpretazzjoni hija kkorraborata mill-Artikolu 18(2) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, għall-konċessjonijiet li, bħal fil-kawża prinċipali, kienu previsti li "jdumu aktar minn ħames snin, il-tul ta' żmien massimu tal-konċessjoni m'għandux jeċċedi ż-żmien li konċessjonarju jista' jkun mistenni jieħu biex jiġbor l-investimenti mwettqa fl-operazzjonijiet tax-xogħlijiet jew tas-servizzi flimkien ma' redditu raġonevoli fuq il-kapital investit b'kont meħud tal-investimenti li jkunu meħtieġa jiksbu l-objettivi kuntrattwali speċifiċi. L-investimenti li jkunu kkunsidrati għall-finijiet tal-kalkolu għandhom jinkludu kemm l-investimenti inizjali kif ukoll dawk ta' matul il-ħajja tal-konċessjoni."

82 Barra minn hekk, skont l-aħħar sentenza tal-premessa 52 tal-imsemmija direttiva, li tiċċara l-portata ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, l-awtoritajiet kontraenti "għandhom dejjem ikunu jistgħu jagħtu konċessjoni għal perijodu iqsar miż-żmien meħtieġ biex jirkupra l-investimenti, bil-kondizzjoni li l-kumpens relatat ma jeliminax ir-riskju operattiv".

83 Minn dan isegwi li l-kontribuzzjoni tal-konċessjonarju, jiġifieri l-investiment li aċċetta, kif ukoll l-ispejjeż li għandu jsostni matul il-perijodu kollu tal-applikazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-valur stmat tal-konċessjoni.

84 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limitu ta' applikabbiltà ta' din id-direttiva ntlaħaqx, l-awtorità kontraenti għandha tqis il-"fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)]", billi jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tariffi li l-utenti ser iħallsu lill-konċessjonarju, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-ispejjeż li l-awtorità kontraenti għandha ssostni. Madankollu, l-awtorità kontraenti tista' tikkunsidra wkoll li l-limitu previst għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23 jintlaħaq meta l-investimenti u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-konċessjonarju, waħdu jew flimkien mal-awtorità kontraenti, matul il-perijodu kollu tal-applikazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni jaqbżu manifestament dan il-limitu ta' applikabbiltà.

### *Fuq il-ħames domanda*

85 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23, moqri flimkien mal-punt 7(b) tal-Anness V u mal-premessa 4 ta' din id-direttiva kif ukoll mal-Artikolu 4 mal-punt III.1.1. tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986, għandux jiġi interpretat fis-sens li awtorità kontraenti tista' tirrikjedi, skont il-kriterji ta' għażla u ta' evalwazzjoni kwalitattiva tal-kandidati, li l-operaturi ekonomiċi jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew f'reġistru professjonali.

86 Għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-Artikolu 58(1) tad-Direttiva 2014/24, l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23 ma jipprevedix espressament li l-awtorità kontraenti tista' timponi bħala kriterju ta' parteċipazzjoni fi proċedura ta' għoti ta' konċessjoni kriterji ta' għażla relatati mal-kompetenza li tiġi eżerċitata attività professjonali.

87 Is-silenzju osservat fuq dan il-punt mill-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23 ma jistax madankollu jippreskludi lill-awtorità kontraenti milli timponi bħala kriterju ta' parteċipazzjoni fi proċedura għall-għoti ta' konċessjoni kriterji ta' għażla li jirrigwardaw l-kompetenza li tiġi eżerċitata attività professjonali.

88 L-ewwel, l-għan ta' flessibbiltà li fuqu hija bbażata din id-direttiva u li fakkar fil-premessi 1 u 8 tagħha jippermetti li tiġi adottata, fil-kuntest ta' din id-direttiva, interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "kapaċitajiet professjonali", kif imsemmi fl-Artikolu 38(1) tagħha, u li jiġi kkunsidrat li din tinkludi l-kompetenza li tiġi eżerċitata attività professjonali.

89 It-tieni, l-Anness V tal-imsemmija direttiva, intitolat "Informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-avviżi tal- konċessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31", jipprevedi, fil-punt 7(b) tiegħu, li l-awtorità kontraenti għandha, jekk ikun il-każ, tindika, taħt il-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni, "jekk il-forniment tas-servizz huwiex riżervat minn dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva għal professjoni partikolari". Minn din id-dispożizzjoni għandu jiġi dedott li, fil-każ fejn il-provvista ta' servizz hija rriżervata għal professjoni partikolari, l-awtorità kontraenti għandha d-dritt li tirrikjedi li l-operatur ekonomiku jkun irreġistrat f'reġistru tal-kummerċ jew f'reġistru professjonali.

90 It-tielet, il-punt III.1. tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986 jipprevedi li, bħala "Informazzjoni legali, ekonomika, finanzjarja u teknika" l-awtorità kontraenti tista' timponi kundizzjoni ta' parteċipazzjoni bbażata fuq l-"[i]doneità għall-attività professjonali, inklużi rekwiżiti relatati mar-reġistrazzjoni fuq reġistri professjonali jew kummerċjali."

91 Madankollu, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jissemma fil-premessa 4 tad-Direttiva 2014/23, operatur ekonomiku għandu jkun jista' jipproduċi l-prova tal-kompetenza tiegħu li jeżegwixxi konċessjoni billi jibbaża ruħu fuq dokumenti, bħal reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali jew fir-reġistru tal-kummerċ, li joriġinaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit. Dan il-prinċipju għalhekk jippreskludi li awtorità kontraenti timponi, bħala kriterju ta' għażla kwalitattiva, ir-reġistrazzjoni ta' operatur ekonomiku fir-reġistru tal-kummerċ jew professjonali fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni tal-konċessjoni fil-każ fejn dan l-operatur ekonomiku jkun diġà jibbenefika minn reġistrazzjoni f'reġistru simili fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2021, Riigi Tugiteenuste Keskus, C-6/20, EU:C:2021:402, punti 49 u 55).

92 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23, flimkien mal-punt 7(b) tal-Anness V u mal-premessa 4 ta' din id-direttiva kif ukoll mal-Artikolu 4 u l-punt III.1.1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986, għandu jiġi interpretat fis-sens li awtorità kontraenti tista' tirrikjedi, bħala kriterji ta' għażla u ta' evalwazzjoni kwalitattiva tal-kandidati, li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali, sakemm operatur ekonomiku jista' jibbaża fuq ir-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru simili fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit.

*Fuq is-sitt domanda*

93 Permezz tas-sitt domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23, flimkien mal-Artikolu 27 ta' din id-direttiva u l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2195/2002, għandux jiġi interpretat fis-sens li awtorità kontraenti, li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi li jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni, tista' tirreferi mhux għall-vokabularju komuni għall-kuntratti pubbliċi kkostitwit minn kodiċijiet CPV, iżda għan-Nomenklatura NACE Rév. 2, kif stabbilita mir-Regolament Nru 1893/2006.

94 Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/23 jipprevedi li "[k]walunkwe referenza għan-nomenklaturi fil-kuntest tal-għoti ta' konċessjonijiet għandha ssir billi jintuża l-'Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV)' kif adottat mir-Regolament [Nru 2195/2002]."

95 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2195/2002, "Sistema ta' klassifikazzjoni waħda li tgħodd għall-akkwist pubbliku, magħrufa bħala 'l-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist' jew 'CPV' huwa hawnhekk stabbilit. F'dan ir-rigward, il-premessi 1 u 3 ta' dan ir-regolament jipprevedu li "[l]-użu ta' klassifikazzjonijiet differenti huwa ta' detriment għall-onestà u t-trasparenza ta' akkwist pubbliku fl-Ewropa" b'tali mod li "[h]emm il-ħtieġa li jiġu standardizzati, permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni waħda għall-akkwist pubbliku, ir-riferenzi wżati mill-awtoritajiet u l-entitajiet fil-kuntratt biex jiddeskrivu s-suġġett tal-kuntratti."

96 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 94 u 95 ta' din is-sentenza flimkien jirriżulta li l-awtorità kontraenti hija obbligata tirreferi esklużivament għall-vokabularju komuni għall-kuntratti pubbliċi. Barra minn hekk, mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1893/2006 jirriżulta li dan ir-regolament japplika biss għall-użu tan-nomenklatura NACE Rév. 2 għal finijiet ta' statistika.

97 Konsegwentement, ir-risposta għas-sitt domanda għandha tkun li l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23, flimkien mal-Artikolu 27 ta' din id-direttiva u l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2195/2002, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li awtorità kontraenti, li timponi li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni, ma tirreferix għall-vokabularju komuni għall-kuntratti pubbliċi kkostitwit mill-kodiċijiet CPV iżda għan-nomenklatura NACE Rév. 2, kif stabbilit mir-Regolament Nru 1893/2006.

*Fuq is-seba' domanda*

98 Permezz tas-seba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 38(1) u (2) tad-Direttiva 2014/23, moqri flimkien mal-Artikolu 26(2) ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li awtorità kontraenti tista', mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità ggarantit mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, tirrikjedi minn kull membru ta' assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi li jiġu rreġistrati, fi Stat Membru, fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri u leasing ta' karozzi u ta' vetturi bil-mutur ħfief.

99 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 38(2) tad-Direttiva 2014/23 tipprevedi d-dritt għal operatur ekonomiku li jirrikorri għall-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, tkun xi tkun in-natura ġuridika tar-rabtiet li jgħaqqduh ma' dawn l-entitajiet, sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet ta'

parteċipazzjoni relatati kemm mal-kapaċitajiet professjonali u tekniċi kif ukoll mal-kapaċità ekonomika u finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni (ara, b'analoġija, fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, is-sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2013, Swm Costruzioni 2 u Mannocchi Luigino, C-94/12, EU:C:2013:646, punti 29 u 33, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2021, Klaipėdos regiono atliekų tvarkymo centras, C-927/19, EU:C:2021:700, punt 150). Fi kliem ieħor, skont it-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu, "[f]ejn operatur ekonomiku jixtieq joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, huwa għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti li ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, matul il-perijodu tal-konċessjoni, ir-riżorsi neċessarji, pereżempju, billi jipproduċi impenn minn dawk l-entitajiet għal dak l-għan."

100 B'hekk jidher li l-Artikolu 38 ta' din id-direttiva jagħti flessibbiltà kbira lil operatur ekonomiku sabiex jikseb entitajiet oħra li jippermettulu b'mod partikolari li jkollu kapaċitajiet li ma għandux. F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tobbliga lil operatur ekonomiku jitlob biss l-għajnuna ta' entitajiet li kull waħda minnhom għandha l-kapaċità li teżerċita l-istess attività professjonali. Fil-fatt, ipotetikament, operatur ekonomiku li jagħmel użu mill-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra jfittex jew li jżid il-kapaċitajiet li huwa diġà għandu iżda, eventwalment, fi kwantità jew fil-kwalità insuffiċjenti, jew li jkollu kapaċitajiet jew kompetenzi li huwa ma għandux.

101 Ikun ukoll sproporzjonat, b'mod partikolari f'din l-aħħar ipoteżi, li jkun rikjest li l-membri kollha ta' assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi jkunu adatti sabiex jeżerċitaw l-attività professjonali konċessa. Fil-fatt, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa b'mod partikolari ggarantit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/23 u li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jimponi li r-regoli stabbiliti mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti mill-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Michaniki, C-213/07, EU:C:2008:731, punt 48, u tas-7 ta' Settembru 2021, Klaipėdos regiono atliekų tvarkymo centras, C-927/19, EU:C:2021:700, punt 155).

102 F'din il-perspettiva, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(2) jipprevedi b'mod partikolari li, "[f]ejn meħtieġ, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jikkjarifikaw fid-dokumenti tal-konċessjoni kif il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-istatus ekonomiku u finanzjarju jew tal-kapaċità teknika u professjonali msemmija fl-Artikolu 38 dment li dan ikun iġġustifikat b'raġunijiet oġġettivi u jkun proporzjonat".

103 Issa, f'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda element tali li jissuġġerixxi li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2014/23, huwa neċessarju u ġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi u proporzjonati li kull membru ta' assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi jiġi rikjest jiġi rreġistrat, fi Stat Membru, fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali bil-għan li tiġi eżerċitata l-attività ta' kiri u ta' leasing ta' karozzi u ta' vetturi ħfief.

104 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għas-seba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 38(1) sa (2) tad-Direttiva 2014/23, flimkien mal-Artikolu 26(2) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li awtorità kontraenti ma tistax, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità ggarantit mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, tirrikjedi li kull membru ta' assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi jiġi rreġistrat, fi Stat Membru, fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri u leasing ta' karozzi u ta' vetturi bil-mutur ħfief.

### *Dwar l-għaxar u l-ħdax-il domanda*

105 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel, it-tieni, it-tmien u d-disa' domanda, ma hemmx lok li jiġu eżaminati l-għaxar u l-ħdax-il domanda.

### Fuq l-ispejjeż

106 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-punt 1(b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni), kif emendata bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1827 tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2019,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**tikkostitwixxi "konċessjoni ta' servizzi" l-operazzjoni li permezz tagħha awtorità kontraenti għandha l-intenzjoni li tafda l-ħolqien u l-amministrazzjoni ta' servizz ta' kiri u ta' kondiviżjoni ta' vetturi elettriċi lil operatur ekonomiku li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu hija fil-parti l-kbira allokata għall-akkwist ta' dawn il-vetturi, u li fiha d-dħul ta' dan l-operatur ekonomiku ġej essenzjalment mit-tariffi mħallsa mill-utenti ta' dan is-servizz, ladarba tali karatteristiċi huma tali li jistabbilixxu li r-riskju relatat mal-operat tas-servizzi konċessi ġie ttrasferit lill-imsemmi operatur ekonomiku.**

**2) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/23, kif emendata bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1827,**

**għandu jiġi intepretat fis-sens li:**

**sabiex jiġi ddeterminat jekk il-limitu ta' applikabbiltà ta' din id-direttiva ntlaħaqx, l-awtorità kontraenti għandha tqis il-"fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perijodu tal-kuntratt, in-nett tal-VAT, [minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)]", billi jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tariffi li l-utenti ser iħallsu lill-konċessjonarju, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-ispejjeż li l-awtorità kontraenti għandha ssostni. Madankollu, l-awtorità kontraenti tista' tikkunsidra wkoll li l-limitu previst għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23 jintlaħaq meta l-investimenti u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-konċessjonarju, waħdu jew flimkien mal-awtorità kontraenti, matul il-perijodu kollu tal-applikazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni jaqbżu manifestament dan il-limitu ta' applikabbiltà.**

3) **L-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23 kif emendata bir-Regolament Delegat 2019/1827 flimkien mal-punt 7(b) tal-Anness V u mal-premessa 4 ta' din id-direttiva kif ukoll mal-Artikolu 4 u l-punt III.1.1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1986, Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 842/2011,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**awtorità kontraenti tista' tirrikjedi, bħala kriterji ta' għażla kwalitattiva tal-kandidati, li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali, sakemm operatur ekonomiku jista' jibbaża fuq ir-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru simili fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit.**

4) **L-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2014/23, kif emendata bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1827, flimkien mal-Artikolu 27 ta' din id-direttiva u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2195/2002, dwar il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti (CPV),**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**jippreklidi li awtorità kontraenti, li timponi li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali ta' Stat Membru tal-Unjoni, ma tirreferix għall-vokabularju komuni għall-kuntratti pubbliċi kkostitwit mill-kodiċijiet CPV iżda għan-nomenklatura NACE Rév. 2, kif stabbilit mir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika.**

5) **L-Artikolu 38(1) u (2) tad-Direttiva 2014/23, kif emendata bir-Regolament Delegat (UE) 2019/1827, flimkien mal-Artikolu 26(2) ta' din id-direttiv,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**awtorità kontraenti ma tistax, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità ggarantit mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, tirrikjedi li kull membru ta' assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi jiġi rreġistrat, fi Stat Membru, fir-reġistru tal-kummerċ jew fir-reġistru professjonali għall-eżerċizzju tal-attività ta' kiri u leasing ta' karozzi u ta' vetturi bil-mutur ħfief.**

Firem